MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 403/2005

**L-Avukat Dottor Vincent Galea ID 50570(M)**

**vs**

**Andrew Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fis-6 ta’ Lulju 2005 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li fi zmien qasir u perentorju li tistabilixxi din l-Onorabbli Qorti ghas-spejjez tieghu jirrimedja ghax-xoghol ta’ tqeghid ta’ madum li ma sarx skond is-sengha u l-arti u jbiddel il-madum difettuz li mhux tal-kwalita’ pattwita li gie supplit u mqieghed gewwa l-fond numru tlett mija u sitta u tmenin (386), Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara u dan taht id-direzzjoni u supervizzjoni ta’ Perit inkarigat mill-Qorti.

Fin-nuqqas l-attur ghandu jigi awtorizzat li jaghmel ix-xogholijiet hu ghas-spejjez tal-konvenut.

Ghal fini ta’ kompetenza qieghed jigi ddikjarat li l-valur ma jeccedix is-somma ta’ erbat elef lira Maltija (Lm4,000).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datata 11 ta’ Dicembru 2004 (Dok A) kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet ta’ l-attur ghandhom jigu respinti fil-konfront tieghu in vista tal-fatt li ghandhom jirrizultaw legalment infondati stante li l-eccipjent qabbad nies kompetenti sabiex jesegwixxu x-xogholijiet lamentati mill-istess attur;

2. Illi ghalhekk l-eccipjenti agixxa inadempjenza tal-obbligi civili tieghu u kwindi l-istess talba ghandha tigi ndirizzata lis-socjeta’ minnu mqabbda minghand min xtara l-materjal in kwistjoni fuq direzzjoni tal-attur u hallas lill-istess socjeta’ ghan-nom ta’ l-attur ghas-saldu kemm tal-materjal u kif ukoll tat-tqeghid relattiv;

3. Illi qed tigi kontestata wkoll l-allegazzjoni ta’ xoghol difettuz;

4. Illi in vista tal-ewwel zewg eccezzjonijiet, l-eccipjent qed jindika lis-socjeta’ Creations the Ultimate in bathroom Elegance Limited ta’ Liland Buildings, Mdina Road, Attard (C23867) sabiex din is-socjeta’ tigi kjamata in kawza halli twiegeb ghall-allegazzjonijiet u lamentela sollevati mill-attur.

5. B’riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk jinqala l-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta’ Novembru 2005 (fol 23) li bih innominat lill-AIC Simon Saliba bhala tekniku biex

jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat illi t-tekniku pprezenta r-rapport tieghu fil-5 ta' Jannar 2007 u halfu fl-20 ta' Frar 2007 (fol 38).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-attur kien qabbad lill-konvenut sabiex jesegwilu xogholijiet ta' tqeghid ta' madum fil-fond 386 Triq Fleur-de-lys, B'Kara. Sar il-hlas u x-xoghol gie esegwit pero' l-attur qieghed jikkontendi illi ma sarx skond l-arti u s-sengha u wara li l-konvenut irrifjuta li jirrimedja x-xogholijiet, saret din il-kawza.

Min nahha tieghu l-konvenut qieghed ighid illi qabbad nies kompetenti sabiex jesegwixxi x-xoghol u kien xtara l-materjal minghand ditta li kien indikalu l-attur u fi kwalunkwe kaz mhuwiex minnu illi x-xoghol ma sarx sew. Talab il-kjamat fil-kawza tad-ditta illi forniet il-materjal, pero' jidher illi din it-talba ma gietx trattata fil-kors ta' din il-kawza u ghalhekk baqghu biss il-kontendenti, l-attur u l-konvenut.

Ikkunsidrat:

Il-Perit Tekniku fir-rapport tieghu kien ferm kategoriku meta qal illi x-xogholijiet esegwiti mill-konvenut ma kienux skond l-arti u s-sengha u li lanqas il-materjal illi gie supplit ma kien adekwat. Jekk kien hemm xi dubbju dwar l-intervent ta' l-attur fl-ghazla tal-materjal, il-Perit Tekniku nehha dan id-dubbju waqt l-eskussjoni tieghu a fol 45 tal-process meta fost affarijiet ohra qal *"pero' hemm diversi modi kif wiehed jista' jinterpreta din l-accettazzjoni ghax tista' taccettah bhala materjal u tista' taccettah estetikament. Lili rrizultali li kien accettah estetikament. Dan il-ghaliex irrizultali li l-konvenut urieh biss is-sample u ma wriehx l-specifications tieghu."* Irrizulta illi huma proprju dawn l-*specifications* illi ma kienux adekwati ghall-post fejn kellhom jitqieghdu fuq talba ta' l-attur.

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut allega illi ma kellhux ikun responsabbli peress illi qabbad nies komtepenti sabiex jesegwixxu x-xogholijiet. Dina m'hijiex raguni ghaliex wiehed ghandu jigi mehlus mir-responsabbilta'. L-ghazla tan-nies hija prerogattiva tal-kuntrattur u jekk in-nies ma jaghmlux ix-xoghol sew, huwa l-kuntrattur li jkun responsabbli versu s-sid u mhux il-haddiema u dak ta' l-ewwel ma jistax jinheba wara l-inkompetenza ta' terzi biex jiggustifika hlas li ma haqqux. Ma hemmx dubbju li kif spjega sew il-Perit Tekniku sar xoghol inkompetenti fit-tqeghid tal-madum. Per ezempju jikkonkludi li l-hsara fil-paviment li hemm fil-pjan tat-tarag fit-tieni sular, giet ikkawzata jew ghax il-madum ma kienx gie mqieghed skond is-sengha u l-arti jew ghax il-paviment kien gie mirfus kmieni wisq. Kienet responsabbilta' tal-kuntrattur biex jara illi l-madum ikun protett waqt illi dan qed jinxef u la ma ghamilx dan quindi ghandu jerfa' r-responsabbilta' ta' dak illi sar. Kif qal l-istess tekniku *"hija responsabbilta' tal-kuntrattur li jwahhal il-madum u li jipprotegi l-madum sakemm ikun b'sahtu bizzejjed biex jintrifes."*

It-tekniku jkompli jelenka f'paragrafu wara l-iehor id-difetti li kien hemm fix-xoghol esegwit mill-konvenut, xoghol li ghalih thallas kompletament b'rata ragonevoli kif jidher mill-parti konkluzzjonali ta' l-istess rapport. Kienet responsabbilta' tal-konvenut biex darba accetta x-xoghol jaghti garanzija u jassigura illi dan jigi ezercitat skond l-arti u s-sengha.

Kif qalet il-kawza Vella vs Bugeja Civil Inferjuri 3 ta' Frar 2003 *"appaltatur li ma jottemprax ruhu mal-ftehim jigifieri li jsegwi x-xoghol skond l-arti u s-sengha mhuwiex intitolat ghall-hlas"* (ara wkoll Borg vs Depiro Prim Awla 13 ta' Jannar 1995). Pero' aktar ricenti ghandna l-kawza deciza mill-Appell Inferjuri Muscat vs Falzon fit-12 ta' Mejju 2003 li qalet "*kuntrattur, qabel ma jindahal ghal bicca xoghol, ghandu jkollu l-kapacita' teknika mehtiega* (Vol XLII pt i pg 157) *"ghandu jiggarantixxi bonta tax-xoghol tieghu u jekk jaghmel ix-xoghol hazin, lanqas ma hu eskluz mir-responsabbilta' minhabba l-fatt illi hu jkun qaghad ghal*

*dak li ried il-kommittent u jibqa' responsabbli l-istess jekk qabel ma beda x-xoghol ikun jista' jkun jaf li fil-materja li fuqha jkun ser jahdem kien hemm xi mankament u kien quindi x-xoghol kien inutli."* (ara wkoll Decarlo vs Cumbo Appell Kriminali Vol XL pt i pg 485).

Fuq dan il-hsieb hemm ukoll il-kawza deciza mill-Prim Awla fil-25 ta' Marzu, 1994 Anthony Galea vs Raymond Gatt fejn qalet "*illi persuna illi accetta kuntratt ta' xoghol ghandu jiggarantixxi illi x-xoghol ikun gie esegwit skond is-sengha. Din il-garanzija tinkludi d-dover illi jirrifjuta x-xoghol jekk il-kuntrattur jaf jew messu jkun jaf li x-xoghol li jkun ser jigi esegwit ikun ineffettiv u ghal xejn."*

F'dan il-kaz il-kuntrattur kellu f'idejh il-kampjuni tal-madum li kien ser jitqieghed fl-art. Kien jaf x'kienet is-sitwazzjoni fejn kien hemm l-umdita' u fejn ma kienx hemm u l-materjal illi uza l-kuntrattur zgur illi ma kienx adekwat ghall-post fejn itqieghed. Tant hu hekk illi l-istess Perit Tekniku kkummenta dwar l-inadekwenza tal-madum koncernat u quindi kellu jitqieghed xoghol preparattiv taht il-madum, liema xoghol ma sarx u ghalhekk saru l-hsarat lamentati mill-attur. Dana biex ma nsemmu xejn dwar il-mod ta' kif tqieghed il-madum b'linji mhux dritt u rregolari u gonot mhux maqtughin skond l-arti u s-sengha b'mod illi jkollu valur vizwali negattiv fuq il-paviment.

Ikkunsidrat:

L-opinjoni ta' l-espert mahtur mill-Qorti ghandha valur probattiv gholi hafna ghad-determinazzjoni ta' din il-kawza. Fil-kawza Benjamin Camilleri noe vs Charles Debattista noe deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Frar 2001 intqal illi *"l-opinjoni teknika konfermata bil-gurament minn Perit Tekniku bhal kull prova ohra setghet tigi skartata mill-Qorti. Dan pero' mhux leggerment jew kapriccozament imma biss fejn tirrizulta raguni valida mill-atti. Bhala regola hu stabbilit anke minn gurisprudenza illi l-Qorti ma kellhiex tiskarta jew twarrab opinjoni tal-Perit Tekniku minnha nominat ghaliex dik kif inghad tikkostitwixxi element ta' prova mportanti jekk mhux determinanti li kellu jifforma l-gudizzju tal-gudikant."*

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi stante c-cirkostanzi m'ghandhiex tinjora l-opinjoni tat-tekniku minnha nnominat liema opinjoni hija cara u kategorika u tinkwadra bis-shieh fil-modilitajiet kollha ta' dan il-kaz. Ghalhekk jidhrilha illi l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom ikunu michuda u t-talba ta' l-attur milqugha.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur. Tipprefiggi terminu ta' xahrejn sabiex il-konvenut a spejjez tieghu jirrimedja x-xoghol ta' tqeghid ta' madum li ma sarx skond is-sengha u l-arti u jbiddel il-madum difettuz u mhux tal-kwalita' pattwita li gie supplit u mqieghed gewwa l-fond numru tlett mija u sitta u tmenin (386), Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara, taht id-direzzjoni u supervizzjoni tal-Perit Simon Saliba li huwa minn issa nominat mill-Qorti. Fin-nuqqas illi l-konvenut jesegwixxi dawn ix-xogholijiet l-attur huwa awtorizzat li jaghmel dawn l-istess xogholijiet a spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------